# LECTIO DIVINA

# IT-XXVIII ĦADD MATUL IS-SENA (A)

**Mt 22, 1-14**

**F'dak iż-żmien, lill-qassisin il-kbar u lix-xjuħ tal-poplu Ġesù raġa' qabad ikellimhom bil-parabboli u qalilhom**

Tkompli s-serje ta' tliet parabboli bħala parti mid-djalogu twil bejn Ġesù u l-awtoritajiet reliġjużi Lhud. Wara t-tieni parabbola (tal-bdiewa qattiela) tkompli tiżdied it-tensjoni tant li "bdew ifittxu li jaqbduh" (21,46). Għalhekk il-parabbola li ġejja tkompli fuq it-tema ta' qabilha, imma naraw li fiha messaġġ iktar qawwi. Filwaqt li qabel is-sid ma jeqridx lill-bdiewa qattiela, issa jidher b'mod ċar il-ġudizzju tas-sultan.

Anki hawn, Mattew m'għandux f'moħħu biss li jirrakkonta allegorija ta' kif seħħet l-istorja tas-salvazzjoni, imma fuq kollox li jħeġġeġ lill-komunità li tħossha mistiedna għall-ikla tat-tieġ sabiex iżżomm sħiħ fil-fidi tagħha. Kif l-istedina tas-sultan tinfetaħ għal kulħadd, hekk ukoll il-ġudizzju tiegħu jaqa' fuq kulħadd, speċjalment fuq min serraħ rasu għax irnexxielu jidħol fis-sala.

**«Is-saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sultan li għamel festa għat-tieġ ta' ibnu. U bagħat għall-mistednin mal-qaddejja tiegħu biex jiġu għall-festa;**

It-tieġ ta' iben is-sultan huwa l-ikbar avveniment wara l-inkurunazzjoni tas-sultan innifsu; festa ikkaratterizzata mill-abbundanza, mill-ferħ, u li ttul bosta jiem. Is-sultan juri r-rieda tiegħu li jkun f'komunjoni mas-sudditi tiegħu, jilqagħhom ġewwa daru u jittrattahom ta' mistednin. Saħansitra joħroġ idur ġo nofshom u jsellmilhom. L-istedina kienet tintbagħat bil-miktub imbagħad, xħin kollox kien ikun lest, is-sultan kien jibgħat lill-qaddejja tiegħu sabiex imorru għall-mistednin u jakkumpanjawhom għall-ikla. Normalment il-mistednin kienu jkunu qed jistennew bil-ħerqa l-miġja tal-qaddejja. Il-festa tat-tieġ hi allegorija figurattiva ħafna li tfisser ir-relazzjoni li Alla jixtieq ikollu mal-poplu tiegħu. (cfr., *Prov* 9,2; *Is* 25,6)

**imma dawk ma ridux jiġu. U reġa' bagħat qaddejja oħra, u qalilhom: "Għidu lil mistednin: Ara, il-mejda tiegħi lesta; il-barrin u l-għoġiela msemmna diġa' maqtula u kollox lest; ejjew għall-festa". Iżda dawk ma tawx kas; min mar l-għalqa, min għan-negozju tiegħu, u l-bqija qabdu lill-qaddejja tas-sultan, żebilħuhom u qatluhom.**

Naraw kontinwità mat-tieni parabbola: ir-reazzjoni tal-mistednin, is-sultan li jipprova darb'oħra, u l-qtil tal-qaddejja. Ma jinftiehemx ir-rifjut quddiem offerta bħal din. Jippreferu jkomplu għaddejjin bil-ħajja ta' kuljum milli jgawdu l-opportunità rari li jkunu ittrattati ta' mistednin tas-sultan. Tidher it-tentazzjoni li wieħed jillimita l-orizzonti tiegħu għal dak li hu immedjat u jingħalaq għal sejħat 'il barra mill-ordinarju: "Uliedi kemm hu tqil għal dawk li moħħhom fil-ġid li jidħlu fis-saltna ta' Alla" (*Mk* 10,24). Din l-indifferenza tinbidel f'reżistenza qawwija u aggressività lejn dawk li jfakkru fis-sejħat ta' Alla u li jistiednu għal bidla fl-mentalità u fl-atteġġjament.

**Is-sultan inkorla ħafna, u bagħat is-suldati tiegħu u qered lil dawk il-qattiela u ħaraq il-belt tagħhom.**

Fil-parabbola ta' qabel ir-reazzjoni tas-sid kienet għadha ġejja u Ġesù jistaqsi lill-interlokuturi tiegħu x'tista' tkun. Hawnhekk, ir-reazzjoni tas-sultan diġa seħħet u ġabet magħha l-qerda ta' min ħadha kontrieh. Bħalma nsibu f'parabboli oħra (cfr., *Mt* 18,23ss; *Lq* 19,11ss) wara li s-sultan ikun qalbu tajba u paċenzjuż mas-sudditi tiegħu, l-għadab tiegħu jkun iktar qawwi u l-ġudizzju tiegħu aħrax: "Min tawh ħafna jitolbu ħafna mingħandu; u min irħewlu ħafna f'idejh, iżjed jitolbuh" (*Lq* 12,48). In-Nisrani huwa msejjaħ jiftaħ għajnejh mir-riskju li jittratta s-sejħat u l-grazzji ta' Alla bħala sempliċi *optionals* dejjem aċċessibli, li jiddisponi minnhom kif u meta jrid.

**Imbagħad qal lill-qaddejja tiegħu: "Il-festa mħejjija, imma dawk ma kienx ta' min jistedinhom għaliha. Mela morru f'salib it-toroq u sejħu għall-festa lil kull min issibu."**

Minkejja t-traġedja li ġrat fis-saltna tiegħu, is-sultan ma jħassarx il-festa tat-tieġ. Il-ħażen tal-ftit mhux talli ma jżommux milli jwettaq dak li kellu f'moħħu, imma jwasslu biex jiftaħ daru għal iktar nies. Fejn qabel kellu numru limitat ta' mistednin, issa l-istedina tiegħu hi potenzjalment bla limitu ("lil kull min issibu"). Jibgħat mill-ġdid lill-qaddejja tiegħu ("morru mela", cfr., *Mt* 28,29) b'ċertu urġenza qabel ma jgħaddi iktar ħin u l-ikel jeħżien. "Salib it-toroq" ma kienx tant il-post fejn jiltaqgħu t-toroq tal-belt, imma l-bibien tal-belt li jagħtu għall-kampanja, u li fihom ikun hemm il-barranin li jkunu għadhom qed jaslu: anki dawn se jkunu mistednin. Toħroġ għad-dawl id-dinamika ta' kif jirreaġixxi Alla: "Tħallix il-ħażen jirbħek,

imma irbaħ il-ħażen bit-tajjeb.” (*Rum* 12,21). Il-kreattività ta’ Alla twassal biex festa ta’ tieġ li kkawżat ħafna taqlib u li kienet kważi sfrattat, idawwarha f’okkażjoni biex jiltaqa’ ma’ iktar nies u jwessa’ s-saltna tiegħu.

**Dawk il-qaddejja ħarġu fit-triqat u ġabru lil kull min sabu, ħżiena u tajba, u s-sala mtliet bin-nies għall-mejda.**

F’din il-parti tal-parabbola insibu dawl importanti dwar l-identità tal-Knisja. Żgur mhux b’kumbinazzjoni li l-ewwel jissemmew il-ħżiena imbagħad it-tajbin! Xogħol il-qaddejja hu li jiġbru (*sunēgagon*) lil kulħadd u jdaħħlu din il-ġemgħa fis-sala fejn hemm is-sultan. Kontinwità ma’ parabboli oħra: is-sikrana u l-qamħ li jitħallew jikbru flimkien fl-għalqa (cfr. *Mt* 13,24-30) jew ix-xibka li fiha minn kull ġens ta’ ħut (cfr. *Mt* 13,47-50). Il-preżenza tal-ħżiena fil-Knisja hija *issue* qawwija u nsibuha kemm fil-mistiedna tal-ewwel u tat-tieni sejħa. Imma għalkemm hija problema, il-qaddejja jridu jaċċettaw li din hi n-natura tal-Knisja (ippreżentata bħala *compositum mixtum*) u li dan hu misteru li s-Sultan jaf bih imma ma nkarigax lilhom biex isolvuh huma. Madanakollu dan ma jfissirx li l-qaddejja huma passivi quddiem il-problema tal-ħażen: huma taw xhieda li huma “fidili u għaqlin” meta baqgħu leali lejn is-sultan, anki qalb il-persekuzzjoni. Tweġiba qawwija għall-ħażen hija meta wieħed jikber fil-virtujiet personali tiegħu.

**Mela jidħol is-sultan biex jara min kien hemm fuq il-mejda, u hemmhekk lemaħ wieħed li ma kienx liebes għall-festa tat-tieġ u qallu: “Ħabib, dan kif dħalt hawn m’intix liebes għall-festa?” Dak tbikkem.**

Din il-parti hija żjieda ta’ Mattew, forsi kienet parabbola oħra apparti. Hija importanti għall-messaġġ li l-evanġelista jrid iwassal lill-komunità. Is-sultan li jidħol fis-sala u jdur wieħed wieħed lill-mistednin hija allegorija tal-ġudizzju finali. Juri lill-qaddejja li huwa hu li jagħżel bejn il-ħżiena u t-tajbin, huwa hu li jiġġudika, u li – kuntrarju kif jidher xi kultant – il-problema tal-ħażen mhix se tiġi mwarrba imma affrontata b’serjetà kbira. Id-differenza bejn it-tajbin u l-ħżiena, avolja għalissa jinsabu flimkien, ma tiġix eliminata. Min daħal fis-sala ma jistax jikkuntenta ruħu kif inhu, għax lil kulħadd ġiet mogħtija l-libsa tal-festa. Dak li mhux liebes kif jixraq huwa l-kristjan li jaħseb li biżżejjed l-‘iva’ tal-bidu u jibda jqis ruħu awtomatikament privileġġjat. Il-fatt li jitbikkem quddiem il-mistoqsija tas-sultan juri li serraħ rasu għax daħal fis-sala u mingħalih li ħadd iktar ma kien se jitolbu kont tad-deċiżjonijiet tiegħu. Imma din il-mistoqsija tieħdu għall-għarrieda għax “jiġi sid dak il-qaddej f’jum li ma jistennihx u f’siegħa li ma jafx.” (*Mt,* 24,50)

**Imbagħad is-sultan qal lil dawk li kienu qed iservu: "Orbtulu riġlejh u jdejh u waddbuh 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snin"! Għax ħafna huma l-imsejħin imma ftit il-magħżulin».**

Il-"ħafna" u l-"ftit" mhumiex f'kuntradizzjoni. F'Mattew niltaqgħu sikwit mal-"ħafna" li huma dawk li irċevew id-don tal-imħabba ta' Alla, filwaqt li l-"ftit" kienu fidili għas-sejħa li rċevew u għad-doni li ngħatawlhom. Għalhekk il-magħżulin huma dawk li jirnexxielhom "jibqgħu sħaħ sal-aħħar" (cfr. *Lq* 21,19). L-għażla divina la hija deċiżjoni arbitrarja min-naħa ta' Alla u lanqas xi ħaġa li l-bniedem jirċievi b'mod passiv. Id-dixxiplu jrid jibdel is-sejħa tiegħu f'għażla billi jikkollabora mal-grazzja t'Alla fil-konkretezza tal-ħajja ta' kuljum.